MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2007

Appell Kriminali Numru. 72/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Abdelghani El Jamoudi**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Abdelghani El Jamoudi talli nhar-il 15 ta' Frar, 2007 ghal habta tas-2.30 a.m.:

(1) Attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra diversi membri tal-Korp tal-Pulizija liema persuni huma nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita` kompetenti;

(2) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurja, jew hedded jew ghamel offiza fuq diversi membri tal-Korp tal-Pulizija liema persuni huma nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qeghdin jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

(3) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi tal-imsemmija ufficjali waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu d-dmirijiet taghhom u izjed ma hallihomx jew b'mod iehor fixkel lill-Pulizija milli jaghmlu d-dmirijiet taghhom;

(4) Fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe` hsara f' cella ta' detenzjoni fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Belt Valletta liema hsara tammonta ghal aktar minn Lm50 izda inqas minn Lm500 ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta;

(5) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat, hsejjes jew b' mod iehor;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-16 ta' Frar 2007, li permezz taghha dik il-Qorti, fuq ammissjoni, sabet lill-imsemmi Abdelghani El Jamoudi hati u kkundannatu ghal piena ta' hames xhur prigunerija;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Abdelghani El Jamoudi pprezentat fit-22 ta' Frar 2007 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma l-htija izda timponi sentenza aktar ekwa u gusta;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Dan huwa appell mill-piena li l-appellant iqis bhala esagerata “u mhux konformi mal-konswetudini ta’ dawn il-Qrati f’kazijiet simili”. L-appellant jghid li huwa minnu li la darba jkun hemm ammissjoni, il-persuna akkuzata ghandha tissottometti ruhha ghall-piena li l-Qorti timponi. Minkejja dan, il-piena trid tkun proporzjonata ma’ dak li attwalment gara u f’kaz li gudikant ma jafx ezattament il-gravita` tal-kaz, jista’ jisma’ xhieda sabiex ikun jaf jekk il-kaz in kwistjoni kienx gravi jew xort’ohra. L-appellant jghid illi l-kaz in ezami kien wiehed zghir, minkejja li gew kommessi r-reati addebitati lilu. Izid jghid li l-ewwel Qorti l-anqas ma hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija li ffrankat il-hin tal-Qorti u ta’ diversi ufficjali tal-Pulizija li jitilghu jixhdu dwar incident zghir.

Mill-verbal tas-seduta tas-16 ta’ Frar 2007 quddiem l-Ewwel Qorti, jirrizulta illi wara li nqrat l-akkuza kontra l-appellant bil-gurament mill-ufficjal prosekutur l-Ispettur Alfred Mallia, l-appellant irregistra ammissjoni u, anke wara li nghata zmien mill-Qorti biex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu, huwa rega’ kkonferma dik l-ammissjoni.

Issa fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, u kif anke jaccetta l-appellant, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista’ tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta’ appell ma jidhlux f’ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta’ l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x’jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat. Ammissjoni bikrija mbaghad mhux bil-fors jew dejjem, jew b’xi forma ta’ dritt jew awtomatikament, tissarraf f’riduzzjoni fil-piena.

F’dan il-kaz l-appellant ammetta, fost ohrajn, li kkommetta r-reat kontemplat fl-artikolu 96(a) tal-Kodici Kriminali li jipprovdi ghal piena ta’ prigunerija minn erba’ xhur sa sena, u r-reat kontemplat fl-artikolu 325(1)(b) tal-Kodici Kriminali li jipprovdi ghal piena ta’ prigunerija minn hames xhur sa sena. Dawn iz-zewg reati flimkien, bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 17(b) tal-Kodici Kriminali, igorru maghhom piena ta’ prigunerija minima ta’ sitt xhur u ghaxart ijiem. Jigifieri meta l-ewwel Qorti mponiet piena ta’ prigunerija ta’ hames xhur, hija nizlet taht il-*minimum* minghajr biss konsiderazzjoni tal-pieni applikabbli ghar-reati l-ohra, inkuz dawk kontravvenzjonali.

Mill-istqarrija ta’ l-appellant inoltre jidher illi kien hemm zewg incidenti, wiehed hdejn id-Diana Kiosk u iehor fl-ghassa tal-Pulizija. Fl-istqarrija tieghu l-appellant jallega li ma kienx jaf x’qieghed jaghmel ghax kien taht effett ta’ tahlita ta’ drinks u sahansitra jallega li persuna ohra setghet tefghetlu xi haga fid-drink. Naturalment kieku din l-ahhar allegazzjoni kienet wahda serja, l-appellant kien jipprevalixxi ruhu mid-difiza kontemplata fl-artikolu 34(2)(a) tal-Kodici Kriminali. Galadarba ma ghamilx hekk u galadarba ma ghamel l-ebda allegazzjoni li kien **“fi stat ta’ genn”**, tapplika r-regola generali fis-subartikolu (1) ta’ l-artikolu 34 illi **“is-sokor ma jistax jingieb bhala eccezzjoni kontra akkuza kriminali”**.
Fis-seduta tallum stess din il-Qorti semghet ix-xiehda ta’ l-Ispettur Alfred Mallia u minn dak li semghet issib konferma ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-appellant.

F’dawn ic-cirkostanzi ghalhekk din il-Qorti ma tara l-ebda raguni sabiex tiddisturba l-piena nflitta mill-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------